MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 1099/2002/1

**Antonia Attard Gialanze**
**Vs**

**Paul Tanti**

It-Tribunal,
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' April 2002 fejn l-attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas l-ammont ta' Lm706.25 (sebgha mija u sitt liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu) rapprezentanti ta' somma flus proprjeta' ta' l-attrici misaproprijata u ritenuti b'qerq mill-konvenut.

Fl-avviz tat-talba intqal li:-
It-Tribunal huwa mitlub li jikkundanna l-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' seba' mija u sitt liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm706.25) rapprezentanti ta' somma flus proprjeta' ta' l-attrici misapproprijata u ritenuti b'qerq mill-konvneut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-manadati kawtelatorji u l-imghax kontra l-konvenut ingunt ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
1. Fl-ewwel lok in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ dan it-Tribunal li jikkonsidra dak li talbet l-attrici kwantu ghall-kwistjoni ta’ jekk giex konness xi qerq minn xi hadd “o meno”.
2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju l-eccipjenti ma’ misaproprija ebda flus tal-attrici u wisq anqas ha b’xi flus qerq.
3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Din is-sentenza preliminari hija limitata dawr l-eccezzjoni ta’ dan it-Tribunal ‘ratione materiae’.

Illi l-konvenut jippretendi li in vista tal-premessa attrici ta’ allegat misapproprijazzjoni u qerq adoperat mill-konvenut sabiex jakkwista flus proprjeta’ tal-attrici.

Jigi rilevat li l-ligi li stabbilit dan it-Tribunal fic-cirkostanzi u l-kompetenza tieghu ghal pretenzjonijiet ta’ flus li jkunu semplici u ma jkunx hemm necessita ta’ xi ezami profond tal-pretenzjoni u tal-provi li jigu prodotti.

Pero’ irid ikun hemm raguni ghal xhiex tal-flus ikun dovut. Dan l-eserzizzju jrid isir ta’ bilfors u t-Tribunal ma jistax jiddeciedi ‘in vacuo’ u huwa limitat bir-raguni kif mghotija fil-kawzali. Il-fatt li qed jigi allegat qerq u/jew misaproprijazzjoni ma jfissirx li t-Tribunal mhux kompetenti.

Jichad l-eccezzjoni tal-konvenut u jordna l-prosegwiment tal-kawza bl-ispejjez riservati ghal gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------